MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Numru. 602/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Hamdi Habib Mohammed Shedi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra kontra l-imputat **Hamdi Habib Mohammed Shedi**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Hamdi Habib Mohammed u Fatima neé Garci, mwieled Tunisia fil-11 ta' April 1986, residenti il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 61180(A), akkuzat talli fl-10 ta' Mejju 2013 ghall-habta ta' 22:55hrs fil-parkegg li jinsab biswit il-Phoenicia Laundry il-Furjana:

1. ikkommetta serq ta' *handbag* li kien fih *mobile phone* fost affarijiet ohra liema serq huwa aggravat, bil-vjolenza bl-ammont li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u

disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Laura Lupo u/jew persuna/i ohra;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Laura Lupo u lil Perrine Muron kontra l-volonta' taghhom;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu sikkina minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 30) datata 16 ta' Awwissu 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 261(a), (c) u (f), 262, 267, 270, 275, 277(a), 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 6 u 51 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-17 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 48), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Awwissu 2013 (*a fol.* 30), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq provi.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 57 *et seq.*), is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2013, xehdet **Laura Lupo** (*a fol.* 8 *et seq.*) fejn qalet li dakinhar tal-akkadut ghal xi 11.00pm kienet mixja flimkien ma' habiba taghha bl-isem ta' Perrine u gie l-imputat minn warajhom, ipprova jehdilhom il-*handbag* u hareg sikkina, hi (Lupo) tatu l-baskett u telqu jigru. Tghid li fil-*handbag* kellhom *wallet*, telefon *iPhone* u sigaretti. Tghid li fil-*wallet* kien hemm madwar €30.00, li l-*iPhone* xtratu madwar €200.00 u l-*handbag* kien jiswa €50.00. Tghid li ma ssarawx ma' dan il-persuna li gie minn warajhom peress li x'hin rat is-sikkina, tatu l-baskett.

In kontro-ezami kkonfermat li dan kollu gara bil-lejl u li fil-post fejn gara l-akkadut kien hemm id-dlam. Mistoqsija tghid kemm kien il-boghod minnha dan ir-ragel li ghamel dak li qalet li ghamel wiegbet: *"Fil-fatt huwa missni allura kien hafna vicin tieghi. Huwa qabadani minn drieghi"* (*a fol.* 9).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2013, xehdet ukoll **Perrine Muron** (*a fol.* 11 *et seq.*) fejn qalet li fl-10 ta' Mejju 2013 Laura u hi telqu mil-lukanda ghall-habta tal-10.30pm. Tispjega li hekk kif qabdu t-tarag mudlam li kien iwassal ghall-karozzi tal-linja, hekk kif kienu mexjin f'din it-triq fejn ma kienx hemm dawl u ma kien hemm hadd, semghet lil xi hadd warajhom, rat lill-imputat lil qabad lil Laura minn driegha u beda jsir aktar vjolenti. Rat li kellu sikkina u li l-imputat beda jigbed il-*hand bag* ta' Laura u pprova jaqghtu bis-sikkina. Tghid li Laura u hi bdew jghajtu u li l-imputat beda jinsisti u Laura tatu l-*handbag* taghha. Tghid li l-imputat ra li hi (Muron) kellha xi haga f'idejha u talabha tatih dak li kellha u hi kellha sigaretti. Tghid li qabdet id il-habiba taghha u telqu jigru.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Fabian Fleri** (*a fol.* 13 *et seq.*) fejn ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "FF 1" sa "FF 5" (*a fol.* 15 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Fabian Fleri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013 fejn ezebixxa seba' ritratti li gew immarkati minn Dok. "FF 6" sa "FF 12" (*a fol.* 34).[1]

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Fabian Fleri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 37) fejn pprezenta tlett sentenzi li gew immarkati minn Dok. "FF 13" sa "FF 15" (*a fol.* 38 *et seq.*).

Fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 48) l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Fabian Fleri** ipprezenta sentenza li giet immarkata bhala Dok. "FF 16" (*a fol.* 49 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 33), xehed ukoll **PS 430 Andrew St. John**[2].

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 33), id-difiza ezentat, fost l-ohrajn, lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil WPS 217 Alison Formosa li hejjiet l-okkorrenza (Dok. "FF 3" – *a fol.* 21 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "FF 5" – *a fol.* 27 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "FF 4" – *a fol.* 26) l-imputat cahad li kien hu li wettaq xi serqa fl-10 ta' Mejju 2013 ghall-habta tal-10.50pm. Meta nghad lilu li z-zewg persuni in kwistjoni gharfuh bhala l-persuna li kkommetta din is-serqa, wiegeb: *"M'ghamilt xejn sir"* (*a fol.* 27). Mistoqsi fejn kien fl-10 ta' Mejju 2013 ghall-habta tal-10.50pm jghid li nesa [l-istqarrija ttiehdet fit-22 ta' Gunju 2013]. Jikkonferma li dak iz-zmien tal-akkadut kien joqghod fil-gnien ta' Boffa u kien jiffrekwenta l-Belt. Jikkonferma li qabel dahal il-habs kellu l-vizzju tad-droga. Jghid li z-zewg nisa qed jigdbu.

---

[1] It-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tal-iSpettur Fabian Fleri moghtija fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013 ma setghetx tigi traskritta minhabba ragunijiet teknici (*Vide* digriet datat 15 ta' Ottubru 2013 – *a fol.* 35).

[2] It-traskrizzjoni tad-depozizzjoni ta' PS 430 Andrew St. John moghtija fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013 ma setghetx tigi traskritta minhabba ragunijiet teknici (*Vide* digriet datat 15 ta' Ottubru 2013 – *a fol.* 35). Minkejja l-kontenut tad-digriet datat 15 ta' Ottubru 2013, PS 430 Andrew St. John ma regghax gie mitlub jiehu l-pedana tax-xhieda

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qiegħed jiġi akkużat li dakinhar tal-10 ta' Mejju 2013 ikkommetta d-diversi imputazzjonijiet li qed jiġi akkużat bihom. Da parte tiegħu, l-imputat, li ma xehedx f'dawn il-proceduri, fl-isqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, jiċħad li fl-10 ta' Mejju 2013 fil-għaxija wettaq xi serqa.

Illi d-difiża tgħid li l-aktar ħaġa fundamentali f'dan il-każ hija l-kwistjoni ta' l-identifikazzjoni tal-imputat. Il-Qorti tinnota li dan huwa minnu tant li dan huwa l-ewwel punt li jrid jiġi sorvolat sabiex il-Qorti wara tkun tista' tevalwa l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi l-Qorti tinnota li kemm Laura Lupo u Perrine Muron kkonfermaw mingħajr dubju li kien l-imputat, li huma identifikaw fl-awla, li għamel dak li huma qalu li għamel dakinhar tal-10 ta' Mejju 2013. Waqt il-kontro-eżami ta' Laura Lupo, Lupo tgħid li minkejja li fejn ġara dak li ġara kien bil-lejl u kien hemm id-dlam pero setgħet tara wick l-imputat peress illi kien ħafna viċin tagħha, tant li qabdilha d-driegħ tagħha (*a fol.* 9). Da parti tagħha, Perrine Muron (*a fol.* 11 *et seq.*) tikkonferma li l-imputat talabha tagħtih dak li kellha. Minkejja li jirriżulta li l-post fejn seħħ l-incident ma kienx wiehed imdawwal, pero l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li Laura Lupo u Perrine Muron setgħu jagħrfu lill-imputat minħabba l-kuntatt fiżiku li kellhom magħhom.

**Ikkunsidrat**

Illi, tent kont ta' dak li ngħad fuq, il-Qorti hija konvinta li kien l-imputat li dakinhar tal-10 ta' Mejju 2013 mar fuq Laura Lupo u Perrine Muron u dana minkejja li fl-istqarrija (Dok. "FF 5" – *a fol.* 27 *et seq.*) rilaxxata minnu l-imputat jiċħad li fil-ġurnata msemmija kkommetta xi serqa.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 261(a), (c) u (f), 262, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>**:

Illi taħt l-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat li kkommetta serqa aggravata bi vjolenza, valur u ħin. Il-Qorti, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, m'għandhiex dubju li effettivament l-imputat ikkometta s-serqa li ssir riferenza għaliha fl-ewwel (1) imputazzjoni. Dwar l-aggravju tal-vjolenza, il-Qorti tinnota li Artikolu 262(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li s-serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza meta, fost l-oħrajn, il-ħalliel jipprezenta ruħu armat. Kemm Laura Lupo u kif

ukoll Perrine Muron jixhdu li l-imputat hareg sikkina ghalihom. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li l-aggravju tal-vjolenza gie pruvat. L-istess ghandu jinghad fir-rigward tal-aggravju tal-hin u dana *stante* illi gie sodisfatt dak li jiddisponi Artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-rigward tal-aggravju tal-valur, il-Qorti tinnota li Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi dan l-aggravju jigi pruvat meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disghin ċenteżmu (€232.94). Il-Qorti tinnota li minkejja li s-serqa *per se* giet pruvata, ma giex sodisfacentement pruvat kemm kien l-ammont totali tas-serqa, u ghaldaqstant l-imputat mhux ser jinstab hati b'serq aggravat bil-valur.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-Qorti tinnota li dak li jiddisponu l-Artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, u cioé Artikoli 86 u 87(1)(e) ma jirrizultawx fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 6 u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-Qorti tinnota li apparti l-fatt li s-sikkina li ssir riferenza ghaliha fl-atti processwali u fit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx ezebita f'dawn il-proceduri, ma giex sodisfacentement pruvat jekk is-sikkina li jaghmlu riferenza ghaliha Lupo u Muron fix-xiehda taghhom kellhiex il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ghaldaqstant, l-imputat mhux ser jinstab hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv *ai termini* tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet numru ta' vera kopji ta' sentenzi f'dawn il-proceduri. Gew ezebiti erba' sentenzi mmarkati bhala Dok. "FF 13" (*a fol.* 38 *et seq.*), Dok. "FF 14" (*a fol.* 42 *et seq.*), Dok. "FF 15 (*a fol.* 44 *et seq.*) u Dok. "FF 16" (*a fol.* 49 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li filwaqt li s-sentenzi mmarkati bhala Dok. "FF 13" sa Dok. "FF 15" gew moghtija qabel id-data tal-imputazzjonijiet odjerni, is-sentenza mmarkata bhala Dok. "FF 16" giet moghtija wara u ghaldaqsant il-Qorti mhijiex ser tiehu konsiderazzjoni s-sentenza mmarkata bhala Dok. "FF 16". Fir-rigward tas-sentenzi mmarkati bhala Dok. "FF 13" u "FF 14", il-Qorti tinnota li l-konnotati ndikati fihom tal-persuna li fil-konfronti taghha nghataw is-sentenzi huma kwazi identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna. Fir-rigward tas-

sentenza mmarkata bhala Dok. “FF 15” (*a fol.* 44 *et seq.*), il-Qorti tinnota li l-konnotati ndikati fiha tal-persuna li fil-konfronti taghha nghatat din is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghaldaqstant il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li din is-sentenza fil-fatt inghatat fil-konfront tal-imputat odjern. Ghaldaqstant ir-raba’ (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b’hekk l-imputat ser jitqies li huwa recediv *ai termini* tal-Arikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss is-segwenti imputazzjonijiet li gew pruvati: l-ewwel (1) wahda bil-kwalifika tal-vjolenza u tal-hin biss u r-raba’ imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. “FF 2”(*a fol.* 16 *et seq.*) minn liema jirrizulta li l-imputat kiser difrjegh mal-ligi diversi drabi, in-natura tar-reati addebitati lilu u li gew pruvati, u kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. In vista ta’ dan, il-Qorti m’ghandhiex alternattiva hlief li timponi terminu ta’ prigunerija effettiv fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-kwalifika tal-valur indikat fl-ewwel (1) imputazzjoni, ma ssibux hati wkoll tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b’hekk tilliberah mill-kwalifika tal-valur indikat fl-ewwel (1) imputazzjoni u tilliberah ukoll mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjoni, u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tas-16 ta’ Awwissu 2013 b’mod partikolari Artikoli 49, 50, 261(a), 261(f), 262, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat Hamdi Habib Mohammed Shedi hati tal-ewwel (1) imputazzjoni [cioé ta’ serq kwalifikat bil-vjolenza u bil-hin **biss**] u tar-raba’ (4) imputazzjoni u tikkundannah ghal perjodu ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------